

32005D0680

1.10.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 256/57

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2004/680/PESK

tat-12 ta' Awissu 2005

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo dwar l-istatus u l-attivitajiet tal-Missjoni ta' Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL KINSHASA)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK dwar il-Missjoni ta' Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, EUPOL KINSHASA <sup>(1)</sup>.
- (2) L-Artikolu 13 ta' din l-Azzjoni Konġunta jipprovdi li l-istatus tal-persunal ta' l-EUPOL KINSHASA fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, inklużi fejn xieraq il-privileġġi, l-immunitajiet u l-garanziji l-oħra meħtieġa għat-twettiq u l-funzjonament tajjeb ta' l-EUPOL KINSHASA, għandu jġi miftiehem skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24 tat-Trattat.
- (3) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill, fl-24 ta' Jannar 2005, lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, li jassisti lill-Presidenza, sabiex jiftaħ negozjati fisem din ta' l-aħħar, is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni nneozja Ftehim mal-Gvern tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo dwar l-istatus u l-attivitajiet ta' l-EUPOL KINSHASA.
- (4) Minkejja l-Artikolu 11(4) tal-Ftehim, il-proċeduri ta' akkwist ta' beni u servizzi għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' trasparenza, proporzjonalità, trattament ugwali u non-diskriminazzjoni.
- (5) Il-Ftehim għandu jġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo dwar l-istatus u l-attivitajiet tal-Missjoni ta' Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL KINSHASA), huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex dan jorbot lill-Unjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, nhar it-12 ta' Awissu 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

J. STRAW

<sup>(1)</sup> ĠU L 367, 14.12.2004, p. 30.

<sup>(2)</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.